MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 378/2007

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs.**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, D B, Dr. Anthony Cutajar u P.L. Doreen Aquilina li permezz ta’ digriet tat-22 ta’ Ottubru 2007 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta’ C E, u Dr Martin Fenech u P.L.Victor Bugeja li permezz ta’ digriet tal-5 ta’ Novembru 2007 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri F B.**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors tal-attrici A B li permezz tieghu talbet li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut D B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F B izda huwa l-konvenut C E.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubblikku li permezz taghha eccepixxa 1) illi mhux edott mill-fatti u li ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi inkluz it-testijiet xjentifici necessarji; 2) illi jehtieg li l-attrici tispecifika id-dettalji rikjesti mil-ligi fir-rigward tal-missier naturali pretiz; 3) illi ghandha ssir il-pubhblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16; 4) illi t-talba attrici ma hiex attribwibbli ghal xi nuqqas tad-Direttur u ghalhekk m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-eredi mhux maghrufa tal-mejjet C E li permezz taghha eccepew 1) li qed jopponu ghat-talba tal-attrici sabiex l-ezamijiet tad-DNA jsiru fuq xahar allegatament mehud minn fuq il-mejjet C E u dan peress illi qatt ma jista jigi accertat illi fil-fatt dan ix-xahar kien tal-istess C E; u 2) illi ghalkemm gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' C E, permezz ta' ittra data 19 ta' Novembru 2007 huma kienu gew informati illi bhala eredi ta' C E huma setghu jikkomunikaw ma' L E, M E u N E u li ghalkemm il-kuraturi deputati ipprovaw jikkomunikaw maghhom permezz ta' ittra huma baqghu ma wegbux.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-minuri li ssottomettew li ma kienux edotti mill-fatti.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

L-attrici xhedet illi fil-bidu tas-snin tmenin kien beda l-inkwiet bejna u bejn zewgha l-konvenut D B tant li fis-sena 1985 hija telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix band'ohra. Wara ftit kienet iltaqet ma' C E u nibtet relazzjoni bejniethom. Damet snin f'din ir-relazzjoni f'liema perijodu l-attrici tghid li kienet intima ma' C E biss.

Fit-2 ta' Dicembru 1990 weldet lill-konvenuta F B u peress li l-konjugi B kienu ghadhom ma sseparawx legalment it-tarbija giet registrata fuq isem il-konvenut D B qua ir-ragel tal-omm.

Meta twieldet it-tarbija l-attrici u C E kienu ghadhom jghixu flimkien u fis-27 ta' Awissu 1998 C E deher fuq kuntratt quddiem in-Nutar Dottor Nathalie Pace Asciak[1] u ddikjara illi "F twieldet mir-relazzjoni li huwa kellu ma' omm it-tarbija u cioe' A B u ghaldaqstant qieghed jgharraf lil bintu F bhala bintu naturali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi minkejja l-fatt illi fl-istess Certifikat tat-twelid fuq imsemmmi, isem il-missier huwa mnizzel bhala D B".

Jirrizulta wkoll illi meta t-tarbija giet mghammda, fuq ic-certifikat tal-maghmudija tnizzel illi l-omm hija l-attrici u l-missier huwa C E.[2]

Fis-sena 1991 hija fethet kawza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali li giet finalment deciza fis-6 ta' Ottubru 1999 mill-Qorti tal-Appell f'liema sentenza jinghad hekk: "Illi li jidher cert huwa l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali, lil zewgha u lil uliedha biex tmur tghix ma' haddiehor u nfatti xi sena jew ftit izjed wara welldet tarbija barra z-zwieg. "

Bint l-attrici, F B, xhedet quddiem din il-Qorti illi lil D B tafu bhala r-ragel t'ommha u mhux bhala missierha. Mistoqsija lil min tqis bhalha missierha hija wiegbet li missierha huwa C E. Stqarret li dejjem taf lil C E bhala missierha, "Qabel kien miet u kont zghira dejjem mieghu". Ikkonfermat li meta kienet zghira kienet tghix mal-attrici u ma' C E,

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet.**

[1] Fol. 22
[2] Fol. 21

**Artikolu 77 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi:-

***Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:***
***(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew***
***(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel.***

L-Artikolu 77B tal-Kap. 16 introdott fil-Kodici Civili bl-Att XXIII tas-sena 2010 li ghalih ghamel referenza d-Direttur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ma kienx ghadu gie promulgat meta giet intavolata l-kawza odjerna u ghalhekk l-artikolu applikabbli ghal kaz in dizamina huwa l-artikolu 77 citat.

Fil-kawza odjerna ma kienx possibbli illi jsir it-test genetiku tad-DNA tal-allegat missier naturali inkwantu huwa mejjet. Ghalhekk huwa mehtieg jigu evalwati l-provi kollha mressqa sabiex jigi deciz jekk il-preponderanza tal-provi imressqa jnisslux f'mohh min irid jiddeciedi dak il-konvinciment morali necessarju li jwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

Gie deciz illi: -

"*Il-massima segwita u adottata mit-tribunali Maltin f'materja ta' filjazzjoni naturali hija illi, fl-indagini tal-paternita' naturali, hemm bzonn li jikkonkorru tliet konsiderazzjonijiet, jigifieri – (1) Illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment, dak li lilu tkun attribwita l-paternita' kellu kummerc karnali ma' l-omm it-tarbija; (2) Illi l-omm, fiz-zmien fuq imsemmi, ma kelliex relazzjonijiet ma' hadd iehor; (3) Illi fl-istess zmien, u anki precedentement, hija*

*tkun giebet ruhha b'mod tali li tkun eskluza l-possibilta' morali li hija kellha relazzjonijiet ma haddiehor.*

*Il-kelma "precedentement" uzata fil-gurisprudenza Maltija, a propozitu tat-tielet rekwizit, giet interpretata bhala li tirriferixxi ghal zminijiet vicini ghaz-zmien tal-koncepiment, u mhux ghal kwalinkwe zmien anterjuri."* [3]

Fuq l-istess linja ta' hsieb gie dikjarat illi:-

"*F'ricerka simili, il-morigeratezza ta' l-omm hi relativa, u ghandha tiftiehem fis-sens li hija ma tkunx uriet kostumi facili qrib il-koncepiment u fil-kors tal-gravidanza; u l-gudikant ghandu juza cirkospezzjoni kbira, billi l-prova ta' l-elementi msemmijin ghandha tirrizulta minn provi gravi, precizi u konkordanti;"*[4]

Ikkunsidrat;

Minn ezami tat-testimonjanzi imressqa sew tal-omm kif ukoll tal-bint, korroborati kemm mit-testimonjanza ta' Grace Falzon[5] u ta' L E[6] kif ukoll mic-certifikat tal-maghmudija u mir-rikonoxximent pubbliku da parti ta' C E fuq kuntratt pubbliku, il-Qorti hi tal-fehma illi l-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentement illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment l-attrici u C E kellhom rapporti intimi konducenti ghall-koncepiment tat-tifla F B; illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment l-attrici ma kelliex rapporti sesswali ma' terzi; u illi fl-istess zmien il-komportament tal-attrici jeskludi li kellha relazzjonijiet sesswali ma' haddiehor.

Fl-assenza ta' testijiet genetici fuq C E, l-attrici irnexxielha tressaq provi sufficjenti sabiex inisslu f'mohh il-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju sabiex tasal ghall-konkluzzjoni illi fil-fatt il-mejjet C E huwa l-missier naturali

[3] App. **Rosaria Grima noe. vs D Galea** - 16 ta' Gunju 1952;
[4] PA. **Adelaide Ore noe. vs Barry Corrison et.** - 14 ta' Ottubru 1953; ara wkoll. PA. **Spiteri pro et vs Cilia et**. – 30 ta' Jannar 1998.
[5] Fol. 137
[6] Fol. 144

tal-konvenuta F B u mhux il-konvenut D B. F B trabbiet mill-attrici u minn C E u mhux minn D B u hekk kien il-pussess ta' stat taghha kif maghrufa mill-familja taghha u minn persuni ohra fis-sens li hi bint C E u mhux bint D B. Gie ghalhekk ippruvat illi l-pussess tal-istat taghha ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha.

Ghalhekk jisthoqq illi t-talbiet attrici jigu akkolti fl-interezza taghhom.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors guramentat, mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati u mir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi missier il-konvenuta F B huwa l-imsemmi C E u mhux il-konvenut D B.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-emendi mehtiega fl-att tat-twelid ta' F B billi jigi kancellat isem D B u l-konnotati kollha tieghu u bhala missier it-tarbija jitnizzel isem C E bis-segwenti konnotati: professjoni: "impjegat"; post tat-twelid: "Qormi, Malta"; fejn joqghod: "Qormi, Malta"; isem u kujom il-missier u jekk hux haj: "C E (mejjet)". Ghandha wkoll titnizzel l-eta' li kellu C E fit-2 ta' Dicembru 1990 kalkolata skond l-att tat-twelid tieghu u jigu kancellati l-kliem "the said".

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------